

## V

(Avviżi)

## PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## SEJĦA GĦAL PROPOSTI – EACEA/05/14

## Programm Erasmus+

## Kooperazzjoni tas-soċjetà ċivili

(2014/C 26/07)

## DAĦLA

Il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażaġh hija importanti biex jikber aktar l-għarfien dwar l-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir u postijiet tax-xogħol, il-Qafas Strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ (ET2020), l-istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ u aġendas Ewropej oħra ta' politiki speċifiċi għal setturi. Dan huwa vitali biex jinkiseb l-involviment ta' partijiet interessati għall-implimentazzjoni ta' riformi ta' politika fil-pajjiżi differenti, għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-Programm Erasmus+ u fi Programmi oħra Ewropej u għat-tixrid ta' riżultati ta' politika u Programmi u prattika tajba permezz tan-netwerks estensivi tagħhom ta' sħubija.

F'dan il-qafas, din is-Sejħa għal proposti tipprovdi finanzjament permezz taż-żewġ Lottijiet li ġejjin:

- (1) **Kooperazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-qasam tal-Edukazzjoni u Taħriġ (Lott 1)**
- (2) **Kooperazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-qasam taż-Żgħażaġħ (Lott 2)**

Jekk jogħġbok innota li organizzazzjoni tista' tissottometti applikazzjoni waħda skont din is-Sejħa għal proposti, jew għal-Lott 1 jew għal-Lott 2, iżda mhux għat-tnejn.

## ELEMENTI KOMUNI GĦŻ-ŻEWĠ LOTTIJET

1. **Objettivi ġenerali**

L-objettiv ta' din is-Sejħa huwa li tingħata għajnuna strutturali, msejħa għotja operattiva, lil organizzazzjonijiet mhux governattivi Ewropej (NGOs) u lil netwerks fl-UE attivi fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ jew fil-qasam taż-żgħażaġh u li jsegwu l-għanijiet ġenerali li ġejjin:

- Ikun hemm għarfien minn partijiet interessati dwar aġendas ta' politiki Ewropej fl-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażaġh, l-aktar dwar Ewropa 2020, Edukazzjoni u Taħriġ 2020, l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ u aġendas oħra ta' politiki speċifiċi għal setturi;
- Jiżiedu l-impenn u l-kooperazzjoni tal-partijiet interessati ma' awtoritajiet pubbliċi għall-implimentazzjoni ta' politiki u riformi fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ u taż-żgħażaġh, b'mod partikolari tarakkomandazzjonijiet speċifiċi għal pajjiżi maħruġin skont il-qafas tas-Semestru Ewropew;

- Tingħata spinta lill-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażaġh;
- Tingħata spinta lill-impenn tal-partijiet interessati fit-tixrid ta' azzjonijiet u riżultati u prattika tajba ta' politiki u Programmi fost il-membri tagħhom.

## 2. Eliġibbiltà

### 2.1. Applikanti eliġibbli

Din is-Sejħa hija miftuħa għal żewġ kategoriji ta' korpi:

- Kategorija 1: Organizzazzjonijiet mhux governattivi Ewropej (ENGOS) fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ jew fil-qasam taż-żgħażaġh;
- Kategorija 2: Netwerks fl-UE kollha fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ jew fil-qasam taż-żgħażaġh.

Biex ikunu eliġibbli, applikanti għandhom:

- Ikunu mhux governattivi;
- Ma jkollhomx skop ta' qligħ;
- Ikollhom mill-anqas membru wieħed tal-istaff (b'salarju jew mingħajr salarju, ekwivalenti għal full-time).

Jekk jogħġbok irreferi għad-definizzjonijiet dettaljati taż-żewġ kategoriji ta' applikanti eliġibbli mogħtijin għal kull Lott.

La Aġenziji Nazzjonali ta' Erasmus+ lanqas organizzazzjonijiet li jkollhom ħafna Aġenziji Nazzjonali ta' Erasmus+ bħala membri (2/3 jew aktar) mhuma eliġibbli għal din is-Sejħa.

### 2.2. Pajjiżi eliġibbli

Applikazzjonijiet minn entitajiet legali stabbiliti f'wieħed mill-pajjiżi li ġejjin ikunu eliġibbli:

- L-Istati Membri tal-UE: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Svezja, ir-Renju Unit;
- Il-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA): l-Islanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja, Konfederazzjoni Żvizzera suġġett għal ftehim bilaterali li jiġu konklużi ma'dan il-pajjiż;
- Pajjiżi kandidati li għalihom tkun twaqqfet strateġija ta' qabel l-adeżjoni, skont il-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali stabbiliti fi ftehimiet qafas li jkunu ntlaħqu ma' dawk il-pajjiżi għall-parteċipazzjoni tagħhom fi Programmi tal-UE: l-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u t-Turkija.

## 3. Kriterji għall-ġħoti

Il-kwalità tal-applikazzjonijiet eliġibbli tkun ivvalutata abbażi tal-kriterji li ġejjin <sup>(1)</sup>:

- Rilevanza (massimu 30 punt);
- Kwalità tat-tifsila u tal-implimentazzjoni tal-pan tax-xogħol (massimu 20 punt);
- Profil, għadd ta' parteċipanti u pajjiżi involuti fl-attivitajiet (massimu 20 punt);
- Impatt, tixrid u sostenibbiltà (massimu 30 punt).

<sup>(1)</sup> Għal aktar dettalji dwar il-kriterji għall-ġħoti, jekk jogħġbok ara t-Taqsima 10 tal-Linji gwida għal Applikanti.

Dawk l-applikazzjonijiet biss li jkollhom mill-anqas nofs tal-punti massimi f'kull wieħed mill-kriterji għall-għoti msemmijin hawn fuq (jiġifieri minimu ta' 15-il punt għall-kriterji "Rilevanza" u "Impatt, tixrid u sostenibbiltà", u 10 punti għall-kriterji "Kwalità tat-tifsila u tal-implimentazzjoni tal-pjan tax-xogħol" u "Profil, għadd ta' parteċipanti u pajjiżi involuti fl-attivitajiet") jitqiesu għall-finanzjament.

#### 4. Baġit

Din is-Sejħa għal proposti għandha l-għan li jintgħażlu organizzazzjonijiet biex jintlaħqu ftehimiet annwali għal għotjiet operattivi li jkopru s-sena tal-baġit 2014.

Il-baġit totali tal-UE għall-kofinanzjament tal-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili huwa EUR 5 800 000.

Il-Kummissjoni tirriserva d-dritt li ma tqassamx il-fondi kollha disponibbli

#### 5. Sottomissjoni ta' applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet għandhom isiru billi tintuża formola onlajn ta' applikazzjoni għal għotja (eForm).

Il-formola uffiċjali onlajn ta' applikazzjoni għal għotja (eForm) tista' tinkiseb bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż fl-indirizz li ġej fuq l-Internet:

[https://eacea.ec.europa.eu/erasmus-plus/funding/call-for-proposals-eacea052014-erasmusplus-ka3-support-for-policy-reform-civil\\_en](https://eacea.ec.europa.eu/erasmus-plus/funding/call-for-proposals-eacea052014-erasmusplus-ka3-support-for-policy-reform-civil_en)

u għandha titlesta kif imiss f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE.

Il-formola onlajn ta' applikazzjoni lesta kif imiss għandha tintbagħat onlajn sa **12.00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell) fis-17 ta' Marzu 2014**, inklużi l-annessi rilevanti <sup>(1)</sup>:

- (1) Baġit;
- (2) Dikjarazzjoni ta' unur;
- (3) Formola ta' identifikazzjoni finanzjarja.

#### 6. Informazzjoni addizzjonali

Applikazzjonijiet għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet li hemm fil-Linji gwida tal-Aplikazzjoni – Sejħa għal proposti EACEA/05/14, li tinsab fuq l-Internet fl-indirizz li ġej:

[https://eacea.ec.europa.eu/erasmus-plus/funding/call-for-proposals-eacea052014-erasmusplus-ka3-support-for-policy-reform-civil\\_en](https://eacea.ec.europa.eu/erasmus-plus/funding/call-for-proposals-eacea052014-erasmusplus-ka3-support-for-policy-reform-civil_en)

### LOTT 1

#### Kooperazzjoni tas-Soċjetà Ċivili: Edukazzjoni u Taħriġ

##### 1. Obiettivi speċifiċi

L-organizzazzjonijiet attivi fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ ikunu mistennija li:

- Jagħtu promozzjoni lil dispożizzjonijiet dedikati għal min jitgħallem dwar ħilet u kompetenzi bażiċi u trasversali, inklużi lingwi, ħilet diġitali u intraprenditorjali, u jkabbru l-għarfien dwar Riżorsi Edukattivi Miftuħa (OER);
- Jgħinu fl-implimentazzjoni ta' riformi biex jitnaqqas it-Tluq Bikri mill-Iskola (TBS), irawmu l-inklużjoni soċjali u jsaħħu l-profil professjonali ta' għalliema u ħarrieġa fl-iskejjel;
- Jagħtu promozzjoni lit-trasparenza u lil mezzi ta' tagħrif u lil formazzjoni mill-ġdid ta' ħilet u ta' ħilet aħjar għal adulti b'ħilet baxxi; iġibu 'l quddiem l-iżvilupp ta' sistemi ta' kwalità ta' Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali (ETV) li jkollhom x'jaqsmu ma' tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol; iġibu 'l quddiem sħubijiet bejn dawk li jgħallmu, kumpaniji u msieħba soċjali u azzjonijiet li jqabbli politiki ta' ETV ma' strateġiji ta' żvilupp ekonomiku; iġibu 'l quddiem modi ġodda ta' kwalifikazzjoni f'oqsma li jistgħu jkunu ta' tkabbir jew f'oqsma b'nuqqas ta' ħilet;

<sup>(1)</sup> Kull dokument amministrattiv ieħor meħtieġ fil-Linji gwida tal-Aplikanti għandu jintbagħat b'email lil Education, Audio-visual and Culture Executive Agency sas-17 ta' Marzu 2014 (nofsinhar, ħin ta' Brussell) fl-indirizz email li ġej: Lott 1: EACEA-CIVIL-EDU@ec.europa.eu – Lott 2: EACEA-YOUTH@ec.europa.eu

- Jgħinu fl-implimentazzjoni tal-aġenda tal-UE għall-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni oġhla u ta' strateġiji biex l-edukazzjoni oġhla ssir internazzjonali;
- Jaġhtu promozzjoni lil analiżi u dibattiti fl-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali dwar investiment effiċjenti u sostenibbli fl-edukazzjoni u t-taħriġ fl-livell Ewropew u nazzjonali; jesploraw/jiżviluppaw metodi innovattivi ta' finanzjament.

## 2. Korpi applikanti

Kategorija 1: Organizzazzjoni Ewropea mhux governattiva (ENGO):

Fil-kuntest ta' Lot 1, organizzazzjonijiet applikanti (ENGOs), iridu jkunu attivi f'wieħed mis-setturi tal-edukazzjoni (edukazzjoni tal-infanzja, edukazzjoni ġenerali, it-tagħlim vokazzjonali, edukazzjoni post-sekondarja jew it-tagħlim għall-adulti), jew fil-prijoritajiet edukattivi u ta' taħriġ tran-settorjali Ewropej, jew ma' partijiet interessati rappreżentattivi (eż. studenti, għalliema, trejners, ġenituri ...). Huma għandhom:

- Taħdem permezz ta' struttura magħrufa formalment, magħmula minn (a) korp/segretarjat Ewropew (l-applikant) stabbilit legalment għal mill-anqas sentejn f'Pajjiż tal-Programm fid-data meta tintbagħat l-applikazzjoni, u (b) organizzazzjonijiet/fergħat nazzjonali f'mill-anqas tnaħ-il Pajjiż tal-Programm li jkollhom rabta statutorja mal-korp/segretarjat Ewropew;
- Tkun attiva fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ u tkun tmexxi attivitajiet li jgħinu fl-implimentazzjoni tal-Qafas Strateġiku għal kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET2020);
- Tkun indipendenti minn awtoritajiet pubbliċi u partiti politiċi jew organizzazzjonijiet kummerċjali.

Kategorija 2: Netwerk mal-UE kollha (netwerk formali):

Fil-kuntest ta' Lot 1, netwerk madwar l-UE hija organizzazzjoni li jaqgħu taħtha organizzazzjonijiet Ewropej mhux governattivi (ENGOs kif definiti fil-kategorija 1). Netwerk madwar l-UE irid ikollha personalità ġuridika u tkun organizzazzjoni li ma tagħmilx profitt. Huwa għandu:

- Ikun magħmul minn organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u legalment awtonomi, attivi fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ u li jmexxu attivitajiet li jgħinu fl-implimentazzjoni tal-Qafas Strateġiku għal kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u fit-taħriġ (ET2020) f'aktar minn settur wieħed ta' edukazzjoni u taħriġ;
- Ikun reġistrat legalment għal mill-anqas sentejn f'Pajjiż tal-Programm fid-data meta jintbagħtu l-applikazzjonijiet (applikanti għandhom jibagħtu kopja tal-artikoli ta' assoċjazzjoni tal-organizzazzjoni tal-applikant u ċertifikat uffiċjali ta' reġistrazzjoni);
- Ikollu organizzazzjonijiet ta' membri statutorji (ENGOs) f'mill-anqas għoxrin Pajjiż tal-Programm;
- Ikun indipendenti minn awtoritajiet pubbliċi u partiti politiċi u organizzazzjonijiet kummerċjali.

**Korpi biss li jkunu jaqblu mad-definizzjonijiet imsemmijin hawn fuq jitqiesu eliġibbli skont dan il-Lott 1.**

## 3. Attivitajiet

Attivitajiet eliġibbli għandu jkollhom rabta diretta mal-oġġettivi ġenerali u speċifiċi ta' din is-Sejħa u għandhom ikunu dettaljati fi programm annwali ta' xogħol.

Huma jkunu jistgħu jsiru fl-livell Ewropew, transkonfinali, nazzjonali, reġjonali jew lokali u jkunu jistgħu jinkludu (lista indikattiva mhux eżawrjenti):

- Attivitajiet li jħaffu l-aċċess u l-parteċipazzjoni ta' partijiet interessati fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ta' politika;
- Skambji ta' esperjenza u prattika tajba;
- Taħriġ f'politiki tal-UE għal membri ta' ENGO/netwerk fl-UE kollha (korsijiet, avvenimenti ta' tagħlim għall-persuni tal-istess età, konsulenza, gwida u coaching, eċċ.);

- Formazzjoni ta' kapaċitajiet għall-organizzazzjonijiet imsieħba;
- Netwerking u sħubijiet ma' partijiet interessati oħra biex ikunu segwiti b'aktar effikaċja l-oġġettivi tal-benefiċjarji ENGO/netwerk fl-UE kollha;
- Żvilupp tas-sħubija tal-benefiċjarji ENGO/netwerk fl-UE kollha;
- Analiżi ta' politiki ta' pajjiż fil-qasam tal-kompetenza ta' ENGO/netwerk fl-UE kollha; l-aktar dwar rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal pajjiż deċiżi mill-Unjoni Ewropea;
- Studji, analiżi, stħarriġ, rapporti dwar politiki tal-UE dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ;
- Proġetti ta' kooperazzjoni;
- Attivitajiet ta' aktar għarfien, informazzjoni, tixrid u promozzjoni (seminars, workshops, kampanji, laqgħat, dibattiti pubbliċi, konsultazzjonijiet, eċċ.).

Attivitajiet li jistabbilixxu sinerġiji bejn Erasmus+ u sorsi oħra ta' finanzjament mill-UE jew nazzjonali/reġjonali jkunu inkuraġġiti.

#### 4. Baġit

Il-baġit totali tal-UE għall-kofinanzjament tal-kooperazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ huwa ta' EUR 2 000 000.

Bħala indikazzjoni:

- ENGOs tal-kategorija 1 jgħoddu madwar 90 % tal-baġit disponibbli għall-edukazzjoni u t-taħriġ;
- Netwerks fl-UE kollha tal-kategorija 2 jgħoddu madwar 10 % tal-baġit disponibbli għall-edukazzjoni u t-taħriġ.

L-għotja operattiva massima annwali tkun:

- ENGOs (kategorija 1): EUR 125 000;
- Netwerks fl-UE kollha (kategorija 2): EUR 200 000.

Kontribuzzjoni finanzjarja mill-UE ma tingħatax għal aktar minn 75 % tal-ispejjeż totali eliġibbli.

#### LOTT 2

### Kooperazzjoni tas-soċjetà ċivili: Iż-żgħażaġh

#### 1. Oġġettivi speċifiċi

L-organizzazzjonijiet attivi fil-qasam taż-żgħażaġh li jkunu meġhuna skont din is-Sejħa jkunu mistennija jagħmlu attivitajiet bil-għan li:

- Issir promozzjoni għal impjeġi għaż-żgħażaġh, l-aktar permezz ta' attivitajiet li jrawmu l-iżvilupp ta' kompetenzi u ħiliet permezz ta' edukazzjoni mhux formali;
- Jitrawwem it-tiħih taż-żgħażaġh fis-soċjetà u titrawwem il-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet;
- Jikkontribwixxu għall-iżvilupp personali, soċjoedukattiv u professjonali taż-żgħażaġh fl-Ewropa;
- Jikkontribwixxu għall-iżvilupp tax-xogħol taż-żgħażaġh fl-ivelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali jew lokali;
- Jikkontribwixxu għad-dibattitu dwar kwistjonijiet ta' politika u l-iżvilupp tagħhom li jolqtu ż-żgħażaġh u organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh fl-ivelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali jew lokali;
- Jagħtu promozzjoni lil tagħlim interkulturali, lir-rispett għad-diversità u l-valuri tas-solidarjetà, opportunitajiet indaqs u d-drittijiet tal-bniedem fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa;

— Iġibu 'l quddiem l-inklużjoni taż-żgħażaġh b'anqas opportunitajiet fis-soċjetà.

## 2. Korpi applikanti

Fil-kuntest tal-kooperazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-qasam taż-żgħażaġh, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

Kategorija 1: Organizzazzjoni Ewropea mhux governattiva (ENGOS) għandha:

- Taħdem permezz ta' struttura magħrufa formalment, magħmula minn (a) korp/segretarjat Ewropew (l-applikant) stabbilit legalment għal mill-anqas sena f'Pajjiż tal-Programm fid-data li fiha tintbagħat l-applikazzjoni u (b) organizzazzjonijiet/fergħat nazzjonali f'mill-anqas tnax-il Pajjiż tal-Programm li jkollhom rabta statutorja mal-korp/segretarjat Ewropew;
- Tkun attiva fil-qasam taż-żgħażaġh u tkun tmexxi attivitajiet li jgħinu fl-implimentazzjoni tal-oqsma ta' azzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ;
- Tinvolti żgħażaġh fit-tmexxija u l-governanza tal-organizzazzjoni.

Kategorija 2: Netwerk fl-UE kollha (netwerk informali) għandu:

- Ikun magħmul minn organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u legalment awtonomi, attivi fil-qasam taż-żgħażaġh u li jmessu attivitajiet li jgħinu fl-implimentazzjoni tal-oqsma ta' azzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ;
- Jaħdem fi sfond informali ta' governanza, magħmul minn (a) organizzazzjoni stabbilita legalment għal mill-anqas sena fid-data meta tintbagħat l-applikazzjoni f'Pajjiż tal-Programm b'funzjonijiet ta' koordinazzjoni ta' u għajnuna għan-netwerk flivell Ewropew (l-applikant), u (b) organizzazzjonijiet oħra stabbiliti f'mill-anqas tnax-il Pajjiż tal-Programm;
- Jinvolvi żgħażaġh fit-tmexxija u l-governanza tan-netwerk.

**Korpi biss li jkunu jaqblu mad-definizzjonijiet mogħtijin jitqiesu eliġibbli skont dan il-Lott 2.**

## 3. Attivitajiet

Il-korpi applikanti għandhom jippreżentaw pjan konsistenti ta' xogħol li jintegra attivitajiet mingħajr skop ta' qligħ, immexxijin miż-żgħażaġh li jkunu adatti biex ikunu segwiti l-oġettivi tas-Sejħa.

L-aktar:

- Programmi mhux formali ta' taġlim u attivitajiet li jolqtu ż-żgħażaġh u lil ħaddiema żgħażaġh;
- Attivitajiet għal żvilupp kwalitattiv ta' xogħol għaż-żgħażaġh;
- Attivitajiet għall-iżvilupp u l-promozzjoni ta' mezzi ta' għarfien u trasparenza fil-qasam taż-żgħażaġh;
- Seminars, laqgħat, workshops, konsultazzjonijiet, dibattiti minn żgħażaġh dwar politiki għaż-żgħażaġh u/jew suġġetti Ewropej;
- Konsultazzjonijiet maż-żgħażaġh li jiddaħħlu fid-Djalogu Strutturat tal-qasam taż-żgħażaġh;
- Attivitajiet għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika;
- Attivitajiet għall-promozzjoni ta' taġlim interkulturali u ta' għarfien fl-Ewropa;
- Attivitajiet tal-midja u tal-komunikazzjoni u mezzi dwar iż-żgħażaġh u affarijiet Ewropej.

#### 4. Baġit

Il-baġit totali tal-UE għall-kofinanzjament tal-kooperazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-qasam taż-żgħażaġh huwa EUR 3 800 000.

Bħala indikazzjoni:

- Korpi tal-kategorija 1 (ENGOS) dedikati esklussivament għaż-żgħażaġh jgħoddu madwar 70 % tal-faxxa tal-baġit li hemm għaż-żgħażaġh;
- Korpi tal-kategorija 1 (ENGOS) li jkollhom skop usa' iżda li jkollhom taqsima dedikata għaż-żgħażaġh jgħoddu madwar 10 % tal-faxxa tal-baġit li hemm għaż-żgħażaġh;
- Korpi tal-kategorija 2 (netwerks fl-UE kollha) dedikati esklussivament għaż-żgħażaġh jgħoddu madwar 20 % tal-faxxa tal-baġit li hemm għaż-żgħażaġh.

L-għotja operattiva massima annwali tkun EUR 50 000 għaż-żewġ kategoriji (ENGOS u netwerks fl-UE kollha).

Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-UE m'għandhiex tingħata għal aktar minn 80 % tal-ispejjeż totali eliġibbli.

---